

**Dispożittiv**

L-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali, moqrija flimkien mal-premessa 16 ta' din id-direttiva, kif ukoll mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 u mal-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux li, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra żewġ persuni, qorti nazzjonali taċċetta, qabelxejn, permezz ta' digriet l-istqarrija ta' ħtija tal-ewwel persuna għar-reati msemmija fl-att ta' akkuża allegatament imwettqa flimkien mat-tieni persuna li ma stqarritx li hija ħatja u tiddeċiedi, sussegwentement, wara l-produzzjoni tal-provi relatati mal-akkuża miġjuba kontra din it-tieni persuna, fuq il-ħtija tagħha, bil-kundizzjoni, minn naħa, li l-fatt li t-tieni persuna tissemma bħala koawtur tal-allegati reati huwa neċessarju għall-klassifikazzjoni tar-responsabbiltà legali tal-persuna li stqarret li hija ħatja u, min-naħa l-oħra, li dan l-istess digriet u/jew att ta' akkuża li għalih tirreferi jindikaw b'mod ċar li l-ħtija ta' din it-tieni persuna ma ġietx stabbilita legalment u ser tkun is-suġġett ta' produzzjoni ta' provi u ta' sentenza separati.

(<sup>1</sup>) ĠU C 44, 4.2.2019.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-28 ta' Mejju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Amtsgericht Köln – il-Ġermanja) – FZ vs DER Touristik GmbH**

(Kawża C-153/19) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Trasport bl-ajru – Regolament (KE) Nru 261/2004 – Artikolu 12 – Package tour – Dewmien twil ta' titjira – Kumpens tal-passiġġiera – Kumpens addizzjonali – Dritt tal-passiġġier għat-tnaqqis tal-prezz tal-vjaġġ)*

(2020/C 287/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht Köln

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: FZ

Konvenuta: DER Touristik GmbH

**Dispożittiv**

L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitolgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li passiġġier, diġà kkompensat skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament, jista' jiġi kkompensat skont dritt għal tnaqqis tal-prezz tal-vjaġġ li huwa għandu kontra operatur tat-tour, previst mid-dritt tal-Istat Membru kkonċernat, sa fejn dan l-aħħar kumpens jingħata għal dannu individwali li joriġina minn waħda mis-sitwazzjonijiet previsti fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament, ħaġa li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

(<sup>1</sup>) ĠU C 182, 27.5.2019.